MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2008

Numru. 178/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J Farrugia)**

**-vs-**

**Joseph Mary Vella**

Kumpilazzjoni numru 178/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Mary Vella ta’ 53 sena, imwieled il-Pieta’, nhar is-26 ta’ Awissu, 1955, iben Paul u Catherine nee’ Abela, residenti gewwa Nru “9”, Lijan, Triq is-Santwarju, Mellieha, u detentur ta’ karta ta’l-identita b’numru 612155M.

Akkuzat talli nhar fl-24 ta’ Jannar, 2004, w fi zmien ta’ qabel, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu anke fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmula b’rizoluzzjoni wahda bhala l-propjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond “Crowborough”, Triq il-Buzjett, Naxxar, b’mezzi qarrieqa li bihom jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b’hekk ikkommetta serq ta’ dawl elettriku ta’ €2350.42 (Lm1009.36) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur.

U aktar taht l-istess cirkostanzi ikkometta hsara volontarja fuq meter tad-dawl tal-marka “Aron”, bin-numru 3109814, liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri, ghad-dannu tal-Korporazzjoni tal-Enemalta.

U aktar talli sar recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f’kaz ta’ htija tordna lill-imputat Joseph Mary Vella ihallas l-ispejjez relativi tal-perizja peritali rigwardanti l-imsemmi kaz ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat skond is-segwenti artikoli tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:
a) 18, 261(b)(c)(f), 263(a), 264(2), 267, 270, 278(2)(3), 279(a), 280(2), u 281;
b) 18, u 325(1)(d);
c) 49 u 50;
d) 17, 18, 23, 31 u 533.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tjigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet li ghalihom l-imputat ghandu jirrispondi skond in-nota ta' l-Avukat Generali huma dawk ta' serq ta' kurrent elettriku u ta' hsara volvontarja, kif ukoll li huwa recidiv.

Illi mill-provi jirrizulta li f'24 ta' Jannar 2004 saret *surprise inspection* fil-fond Crowborough fi Triq il-Buzjett Naxxar propjeta ta' l-imputat u martu; l-ispezzjoni saret minn zewg ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta. Is-servizz tad-dawl u ilma provdut fil-fond imsemmi huwa registrat fuq l-imputat. L-imputat kien ilu jghix fil-fond imsemmi ghal perjodu ta' sitt snin qabel l-ispezzjoni. Dak in-nhar ta'l-ispezzjoni l-ufficjali nnuttaw li l-*base seal* tal-*meter* kien nieqes u meta infetah il-*cover* gie notat *wire* li kien qed jibbridgja l-*meter*. Jirrizulta ukoll li fil-gurnata ta'l-ispezzjoni gie installat *meter* gdid u li dan il-*meter* il-gdid dam registrat f'isem l-imputat ghal perjodu ta' erbgha u erbghin (44) gurnata sa kemm gie registrat fuq terzi.

Illi saret inkjesta u dak in-nhar stess, cioe f'l-24 ta' Jannar 2004, inzamm access mill-espert nominat Horace Anastasi. Dan l-espert, li l-konkluzzjonijiet tieghu ma gewx kontestati mill-imputat, ikkonkluda li nqatghu z-zewg sigilli ta' mas-*service box* biex inqala l-*fuse* sabiex setgha jiddahhal *cable* bhala *bridge*, u tnehhew zewg sigilli tac-comb min-naha t'isfel tal-meter biex setgha jinfetah u jitbaghbas u b'hekk il-*meter* ikollu l-*load* u jirregistra bil-mod hafna. L-espert ikkonkluda ukoll li d-danni relattivi ghal hsara kkawzata fil-meter kienu minimali.

Illi mid-depozizzjoni ta' Alan Checuti jirrizulta li l-konsum *average* fil-perjodu ta' hames snin qabel ma' saret l-ispezzjoni kien ta' 1.922 *units* kuljum, li huwa wiehed baxx, u dan mhux biss meta komparat mal-konsum *average* ta' 13.841 *units* registrati wara li gie installat *meter* gdid, imma anke jekk wiehed jiehu in

konsiderazzjoni t-tip ta’ fond fejn kien stallat l-*meter* u n-numru ta’ nies li kienu jabitaw fil-fond. Il-konsum ta’ kurrent elettriku ta’ 1.922 *units* kuljum jista’ jitqies baxx ukoll anke meta komparat mal-konsum ta’l-ilma f’l-istess fond.

Illi minn din l-istess depozizzjoni jirrizulta li l-valur tal-kurrent elettriku rapprezentanti d-diskrepanza bejn il-konsum registrat u l-konsum skond l-istima huwa ta’ elfejn tmienja u ghoxrin Euro u disgha u tlettin centezmu (€2,028.39).

Ikkunsidrat

Illi ai termini ta’l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-kaz “ta’ ksur ta’ fili jew gumni tas-servizz ta’l-ekettriku jew ta’l-*meters* taghhom, jew ta’ xi sigill ta’ xi *meter* jew fil-kaz ta’ l-ezistenza ta’ xi mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ … jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew l-immarkar fil-*meter* tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova li d-detentur … fejn ikunu jinsbau dawk il-ksur jew mezzi qarrieqa, jaf b’dan l-uzu jew konsum ta’ … kurrent elettriku…”.

Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ezistenza ta’ mezzi qarrieqa u ta’ tbaghbis fil-*meter* ghalhekk ai termini ta’ l-artikolu 264(2) fuq kwotat l-oneru dar fuq l-imputat biex jipprova li ma kienx hu li baghbas fil-*meter* u li konsegwentement mhux responsabbli ghas-serq tal-kurrent elettriku.

Illi ghalkemm l-imputat xehed quddiem l-espert tekniku waqt l-inkjesta, f’dik id-depozizzjoni l-imputat sempliciment innega l-involviment tieghu u ma qal xejn li b’xi mod jissodisfa dak l-oneru. Waqt il-proceduri odjerni l-imputat ma xehedx u ma ressaq l-ebda prova ohra. Huwa ghalhekk ma ssodisfax l-oneru li kien jinkombi fuqu biex jiskolpa lilu nniffsu.

Illi ghalhekk l-Qorti hija sodisfatta li tirrizulta fil-konfront ta’l-imputat l-imputazzjoni ta’ serq.

Illi fil-fehma tal-Qorti tirrizulta pruvata ukoll l-imputazzjoni relattiva ghal hsara kkawzata fil-*meter*. Peress li din il-hsara ma gietx kwantifikata u giet dekritta mill-espert tekniku bhala wahda minimali l-imputat jista jinstab hati ta' hsara volontarja kif kontemplata f'artiklu 325(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi tirrizulta ukoll l-imputazzjoni ta' recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 u dan tenut kont li l-imputat kien instab hati permezz ta' sentenza datata 30 ta' April 2003.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat in-natura tar-reati addebietati lill-imputat kif ukoll il-fedina penali tieghu li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hi wahda allarmanti.

Illi tenut kont ta' dan u tal-fatti kollha tal-kaz il-Qorti mhiex tal-fehma li l-imputat ghandu jiskonta piena karcerarja; ikun ta' aktar gid fic-cirkostanzi li l-imputat ihallas dak dovut lill-Korporazzjoni Enemalta ghall-konsum tal-kurrent elettriku. Ghalhekk, u f'l-impossibilta li tghati sentenza ta' prigunerija sospieza, l-unika triq li tibqa fic-cirkostanzi hija li tilliberah lill-imputat bil-kundizzjoni li ma'ghamilx reati ohra u li jhallas dak dovut minnu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, u wara li rat 17, 18, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263(a), 264, 267, 270 u 325(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn u li fi zmien tlett xhur ihallas is-somma ta' elfejn tmienja u ghoxrin Euro u disgha u tlettin centezmu (€2,028.39) lill-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-hati r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordni lilu mghoti.

In oltre b'applikazjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat biex fi zmien xahar ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' mija disgha u sittin

Euro u sitta u tmenin Euro (€169.86) ekwivalenti ghal Lm72.92 rapprezentanti spejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta'l-esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------